Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 09/2018

**It-Tlieta 26 ta' Ġunju, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku ***(wasal fil-2:15pm)***
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Evelyn Vella Brincat – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Mark Causon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippresjeda l-laqgħa.

### 09.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

09.1.1 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda apoloġija għax kulħadd kien preżenti.

### 09.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08/2018.

09.2.1 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K7/2018 kif ippreżentati.

09.2.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

09.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**09.2.4 Is-Sindku Dean Hili wasal fis-2.15pm u kompla jippresiedi bil-laqgħa.**

### 09.3 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1593/18/I** Jum Pembroke – Risk Assessment Report.

09.3.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1593/18/I** fejn ippropona li dwar fire engine u ambulanza, il-Kunsill għandu jistaqsi huwiex possibbli li minflok, huwiex aċċettabbli li jkun hemm first aider u fire fighter.

09.3.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

09.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1641/18/I** Ċirkulari 72/2018 mibgħuta mill-AKL - Rapport dwar l-effett negattiv tal-bżieżaq li jittajru waqt diversi attivitajiet.

09.3.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1641/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel mar-rapport propost mill-AKL inkluż li jiġi skoraġġit l-użu tal-bżieżaq waqt attivitajiet li jsiru fil-lokal.

09.3.5 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

09.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1674/18/I** Email mingħand il-Pembroke Clan (grupp ta' persuni li jniżżlu l-klieb jgħumu f'Pembroke), jitolbu li parti mill-kosta tkun riservata għalihom u għall-klieb tagħhom, speċifikament minn kmieni filgħodu u l-11.00am u mis-6.30pm il-quddiem.

09.3.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1674/18/I** fejn ippropona li din it-talba għandha tiġi milqugħa bil-kundizzjoni li l-ħinijiet għandhom ikunu bejn 07:00 – 08:30 u mis-19:00 il-quddiem fis-sit indikat mill-Pembroke Clan.

09.3.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

09.3.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1678/18/I** Email mingħand l-AKL dwar komunikazzjoni li ghaddejja mal-kumpanija Malta Textil Recycling dwar ġbir ta' materjal fabbriku.

09.3.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/1678/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jagħti konċessjoni lill-kumpanija biex jekk jixtiequ jistgħu jiġbru ħwejjeġ użata, idejalment minn post wieħed, eżempju l-Pembroke Park and Ride f'ħin u ġranet stabbiliti, liema proposta għad trid tiġi diskussa u jkun hemm qbil fuqha mal-operatur.

09.3.11 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

09.3.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

09.4.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 09.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

09.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 24/2018** - Lista ta' kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' CCTV **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 25/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 08/K7/18 u 09/K7/18 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 26/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 08/K7/18 u 09/K7/18 **(Dok. 3)**

09.5.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal **Internal Memo 24/2018** dwar kwotazzjonijiet għall-provvista u l-installazzjoni ta' CCTV, fejn ippropona li wara li jsiru l-verifiċi tekniċi, għandha tintagħżel dik l-offerta li tkunu għas-sodisfazzjoni tal-Kunsill u mhux bilfors li tkun l-irħas offerta.

09.5.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

09.5.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

09.5.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 26/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

09.5.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

09.5.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.6 Nuqqas t'attendenza skond Artiklu 18 tal-Att.

09.6.1 Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li kif jitlob l-Att, is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kien ġibidlu l-attenzjoni li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet

naqset li tattendi ammont ta' laqgħat bejn Jannar u Ġunju 2018 **(46/1570/18/I - Dok. 4)** u għalhekk kien hemm il-ħtieġa li skond id-dispożizzjonijiet tal-istess Att, il-Kunsill għandu jibgħat ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-Ministru. Il-kelliem irrimarka li fid-dawl li n-nuqqas t'attendenza tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kien relatat ma' saħħa, huwa ippropona li r-rakkomandazzjoni lill-Ministru għandha tkun li ma jiddikjarax il-post bħala vakanti u dan skond il-formularju ppreparat mid-DGL.

09.6.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

09.6.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

09.7.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 5 u 6)**

09.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata nkluż l-aġġustamenti proposta.

09.7.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

09.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 09.8 Mozzjonijiet.

09.8.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 09.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

09.09.1 Il-laqgħa ntemmet fit-3.00pm u ġiet aġġornata għal-31 ta' Lulju 2018 fis-1:30pm.

Konfermati, illum 31 ta' Lulju, 2018

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**